

Brussell, 15 ta' Marzu 2016
(OR. en)

7118/16

COVEME 4

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 15 ta' Marzu 2016

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6203/16 COVEME 3

Nru dok. Cion: 5651/16 + ADD 1, 5652/16 + ADD 1

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-15 ta' Marzu 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

1. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill jilqa' r-rapporti mill-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-Bulgarija u r-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kummissjoni għall-ħidma tagħha, għall-metodoloġija li ntużat, u jikkondividi b'mod sħiħ l-analiżi oġġettiva u bbilanċjata u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapporti. F'dan il-kuntest, il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni tajba u kontinwa tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri l-oħra taħt il-Mekkaniżmu.
2. Il-Kunsill itenni t-tħaddin tiegħu tal-valuri u l-prinċipji tal-UE. L-implimentazzjoni effettiva ta' riformi li jiffukaw fuq riżultati sostenibbli u fuq rekords konvinċenti u verifikabbli tibqa' essenzjali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw b' mod sħiħ mill-opportunitajiet kollha offruti mis-sħubija fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni wkoll il-bżonn ta' appoġġ politiku wiesa' u mhux ekwivoku għal riformi bħal dawn, sabiex jintlaħqu l-oġġettivi taħt il-Mekkaniżmu.
3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li ttieħdu passi inkoraġġanti biex il-proċess tar-riforma jerġa' jaqbad it-triq it-tajba għalkemm il-progress ġenerali fil-Bulgarija jeħtieġ li jitħaffef b' mod urġenti. Il-ħatriet f'karigi għoljin fil-ġudikatura huma ta' min jinnutahom. Għadd ta' inizjattivi ta' min ifaħħarhom, b' mod partikolari l-emenda tal-Kostituzzjoni adottata minn maġġoranza kbira tal-Parlament f'Diċembru 2015, li hija l-ewwel pass lejn ir-riforma tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM), issa għandhom jiġu segwiti. Issa ser ikun essenzjali li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-istrateġiji komprensivi u importanti ta' riforma għar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-monitoraġġ tar-riżultati konkreti.

4. Filwaqt li l-Kunsill jilqa' l-impenn politiku għar-riformi espress mill-gvern, jinħtieġ kunsens politiku akbar u mhux ekwivoku b'appoġġ tal-proċess ta' riforma biex jiġi żgurat li tingħata spinta akbar lill-isforzi konkreti u sostenibbli għar-riforma. Il-valutazzjoni ġenerali tal-Kummissjoni ttenni wkoll għadd ta' punti ta' tħassib li għad iridu jiġu indirizzati. Il-Bulgarija għandha tiffoka l-isforzi tagħha biex ittemm il-kontroversja dwar l-influwenza politika fuq is-sistema ġudizzjarja u kwistjonijiet ta' integrità fir-rigward tal-ħatriet, kif ukoll il-ħtieġa li jittejjbu l-monitoraġġ u l-indirizzar ta' nuqqasijiet, u l-implimentazzjoni effettiva tas-sentenzi tal-qorti. It-tkomplija tar-riformi tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM) u l-uffiċċju tal-prosekuzzjoni, u t-tiħiħ tas-setgħat tal-Ispettorat Ġudizzjarju (ISJC) għadhom ta' importanza ewlenija. Il-Kunsill jinnota wkoll id-diffikultajiet biex jiġu stabbiliti rekords fl-oqasma tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.
5. Abbażi tal-progress li diġà sar u l-ippjanar strateġiku eżistenti mħejji mill-Bulgarija, il-Kunsill iħeġġeġ it-tħaffif deċiżiv tal-isforzi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet kollha stipulati mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha u jistenna bil-ħerqa li jittieħdu passi konkreti u li jsir progress tanġibbli qabel ir-rapport li jmiss tal-Kummissjoni.

Il-Bulgarija għandha tikkonsolida u ssaħħa r-rieda politika ġenerali tagħha sabiex twettaq riformi u tagħmel progress tanġibbli, fost l-oħrajn, billi ttejjeb u tissalvagwarda l-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-integrità tal-ġudikatura, u tkompli bir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, inkluża analiżi indipendenti tal-uffiċċju tal-prosekutur b'kont meħud tal-miżuri ta' riforma diġà implimentati. F'dan ir-rigward, għandhom isiru sforzi partikolari biex tiġi implimentata r-riforma tal-KSM, biex jissaħħa l-ISJC, u biex tiġi mmodernizzata l-leġislazzjoni kriminali. Jeħtieġ li tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari fil-livelli għolja, sabiex jinkisbu riżultati konkreti u sostnuti, inkluż titjib fit-trasparenza tal-proċeduri tal-offerti pubbliċi. Prijorità urġenti għandha tkun l-adozzjoni ta' liġi ġdida kontra l-korruzzjoni, li tikkonsolida l-intenzjonijiet stipulati fl-istrateġija kontra l-korruzzjoni. Dan jinkludi l-istabbiliment malajr ta' awtorità kontra l-korruzzjoni unifikata li għandha l-finanzjament adegwat u mandat indipendenti b'saħħtu biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni fil-livelli għolja. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, għandhom jitħaffu l-isforzi, b'mod partikolari permezz ta' aktar professjonalità fl-infurzar tal-liġi, u ta' investigazzjonijiet sostnuti, effettivi u li jirnexxu segwiti minn sanzjonijiet dissważivi, inkluża l-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra tal-UE fejn xieraq. Il-Kunsill jinnota wkoll l-importanza li jiġu indirizzati malajr il-kwistjonijiet li bħalissa qed ixekklu l-ħidma tad-Direttorat għall-Kriminalità Organizzata (CDCOC) fi ħdan il-Ministeru tal-Intern, u l-Kummissjoni għall-Konfiska tal-Assi Illegali (CIAF).

6. Il-Kunsill ifaħħar ix-xejra kontinwa ta' progress sinifikanti li qed turi r-Rumanija f'ħafna oqsma, li ġġib magħha sostenibbiltà dejjem tiżdied tar-riformi. L-azzjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet ewlenin ġudizzjarji u ta' integrità biex jindirizzaw il-korruzzjoni fil-livelli għolja għadhom għaddejjin b'momentum impressjonanti. Komplet tiżdied il-professjonalità fis-sistema ġudizzjarja Rumena b'mod ġenerali. B'mod ġenerali, il-Kunsill iqis li r-Rumanija, billi żżomm ix-xejriet pożittivi attwali ta' riforma u l-konsolidazzjoni tal-progress u billi tinternalizza l-oġġettivi tal-MKV mal-politiki u l-istrateġiji nazzjonali, tinsab fi triqtha biex tiżgura s-sostenibbiltà u l-irreversibbiltà ta' riformi li jippermettu lir-Rumanija tikseb l-oġġettivi tal-Mekkaniżmu.

Il-Kunsill itenni wkoll l-importanza ta' impenn politiku wiesa' u mhux ekwivoku għar-riformi mill-istituzzjonijiet pubbliċi u l-atturi politiċi kollha. Dan huwa partikolarment rilevanti fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, biex tiġi rrispettata l-indipendenza tal-ġudikatura, u għal kwistjonijiet oħra ta' integrità enfasizzati fir-rapport. Il-Kunsill jinnota li ħatriet miftuħa u bbażati fuq il-mertu għal pożizzjonijiet għolja fil-ġudikatura, u l-iskrutinju tal-kandidati għall-elezzjonijiet li ġejjin jagħtu opportunità ewlenija biex isir aktar progress f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-Rumanija biex tiffinalizza u tadotta malajr il-Pjan ta' Azzjoni għall-2015-2020 għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Ġudikatura 2015–2020 u għall-iżvilupp ta' Strateġija Nazzjonali ġdida kontra l-korruzzjoni.

7. Filwaqt li tibni fuq il-progress sostanzjali li diġà sar, il-Kunsill iħeġġeġ lir-Rumanija biex tiffoka l-isforzi tagħha biex tkompli tikkonsolida l-progress li sar, u biex issostni l-momentum pożittiv attwali billi tindirizza r-rakkomandazzjonijiet kollha mogħtija mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha. B'hekk titkompla l-ħidma biex tintwera s-sostenibbiltà tar-riformi li ser iwittu t-triq biex jiġu ssodisfati l-punti ta' riferiment kollha tal-Mekkaniżmu fil-futur qrib.

Ir-Rumanija għandha tkompli tikkonsolida l-progress biex jiġi żgurat li l-indipendenza ġudizzjarja tiġi rrispettata u difiża b'mod solidu. Ħatriet trasparenti, robusti u skont il-mertu għal karigi għolja fil-maġistratura ser ikunu opportunità ewlenija biex jintwera aktar progress. It-tkomplija tar-riforma ġudizzjarja, inkluża l-adozzjoni rapida tal-emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, f'konformità ma' dak li ġie ppreżentat mill-gvern, hija wkoll ta' importanza ewlenija. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti, inklużi dawk li jikkonfermaw sentenzi marbuta mal-integrità, għandhom jiġu applikati u implimentati mill-istituzzjonijiet u l-istanzi kollha mingħajr dewmien, fosthom il-parlament Rumani. Tibqa' prijorità ewlenija li jkomplu l-isforzi sostnuti għall-prevenzjoni u t-trattament tal-korruzzjoni, inkluż li din tiġi indirizzata b'mod effettiv u dissuaziv fil-livelli kollha u fl-istituzzjonijiet kollha.

8. Il-Kunsill itenni li l-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika għadu strumentali għall-progress. Huwa jibqa' għodda xierqa biex jassisti liż-żewġ Stati Membri fl-isforzi rispettivi tagħhom għar-riforma, sabiex kull wieħed minnhom jikseb rekord ta' riżultati konkreti u dejjiema bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi tal-Mekkaniżmu. Il-Kunsill ifakkar li jinsab lest biex jappoġġa l-isforzi tal-Bulgarija u r-Rumanija f'dan ir-rigward permezz ta' assistenza bilaterali u dik tal-UE. Sakemm jinkisbu r-riżultati mistennija minn kull wieħed miż-żewġ Stati Membri f'dan il-qafas, il-Mekkaniżmu jibqa' fis-seħħ. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistenna bil-ħerqa r-rapporti li jmiss tal-Kummissjoni dwar il-Bulgarija u r-Rumanija li huma previsti li jsiru fi żmien sena u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Bulgarija u r-Rumanija u li żżomm lill-Kunsill infurmat b'mod regolari.
